



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 20 ta' Novembru 2008 (24.11)
(OR. en)**

16083/08

LIMITE

FISC 165

NOTA

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Coreper/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) = Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

Fir-rigward tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Kunsill:

- Jilqa' l-progress miksub mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Françiża kif stabbilit fir-rapport tiegħu (dok. 16084/08 FISC 166);
- Japprova l-Pakkett ta' Ħidma kif jinsab fl-Anness II għal dak ir-rapport;
- Jilqa' l-fatt li l-Grupp diġà temm il-ħidma tiegħu dwar l-aspetti proċedurali ta' dak il-Pakkett ta' Ħidma (kif rifless fl-Anness I għal dak ir-rapport) u jistieden lill-Grupp biex ikompli bil-ħidma tiegħu dwar il-punti l-oħrajn tal-Pakkett ta' Ħidma kif indikat fil-punt 21 tar-rapport tiegħu;
- Jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-iffriżar u l-implimentazzjoni taż-żmantellament (rollback);
- Jistieden lill-Grupp biex jirrapporta lill-Kunsill dwar ħidmietu qabel it-tmiem tal-Presidenza Ċeka.